PLURIBUS PARENS

Minuti tal-erbatax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ħamis 07 ta' Novembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |

**Aġenda:-**

1. Għażla finali tal-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għal-lokalita tal-Gudja (memo 26/2013).

2. Għeluq tal-laqgħa

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Għażla finali tal-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għal-lokalita tal-Gudja (memo 26/2013).**

1.1 Il-laqgħa bdiet billi s-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill illi l-Kunsill kien irċieva tlett nominazzjonijiet u li kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill dawn ġew msejħa sabiex illum jiġu għal intervista u wara jintgħażel l-ambaxxatur/ambaxxatriċi fuq kriterji stabbiliti.

1.2 Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri kollha iddiskutew u qablu dwar dawn il-kriterji, li kienu:-

a. Kontenut dwar dak li jgħid il-kandidat/a dwar il-ħsibijiet tiegħu/tagħha dwar il-Vot16.
b. Personalita/aspetti ta' leadership skills tal-kandidat/a.
c. Parteċipazzjoni tal-kandidat/a fil-qasam taż-żgħażagħ u oqsma oħra li jgħinu fis-soċjeta u lill-kommunita.

Jingħata 10 punti massimi għal kull suġġett. Il-marka numru 1 tkun lanqas marka u n-numru 10 tkun marka massima. Kull kunsillier għamel il-marki tiegħu/tagħha b'mod konfidenzjali.

Wara, kull kunsillier poġġa (b'mod kunfidenzjali) l-marki f'kaxxa magħmula apposta.

1.3 Wara li ġew intervistati żewġ kandidati, cioe' Sinjorina Melanie Bugeja u s-Sur Jurgen Dingli (rispettivament), ġiet msejħa s-Sinjorina Yanika Degiorgio fis-6.30p.m. iżda irriżulta li ma kienitx preżenti. Sar kuntatt telefoniku direttament ma' Ms. Degiorgio u din infurmat lill Kunsill illi ma kienitx għadha interessata f'din il-ħatra u għalhekk kienet qed tiritra l-applikazzjoni tagħħa dwar dan il-post. Il-Kunsill laqgħa t-talba Ms. Degiorgio u għalhekk ipproċeda bl-għażla ta' wieħed/waħda miż-żewġ kandidati Ms. Bugeja u Mr. Dingli.

1.4 Infetħet il-kaxxa ta' fejn kien hemm il-karti tal-marki ta' kull kunsillier u sar l-għadd tal-makri ta' kull kandidat/a. Il-marki totali huma dawn:-

| | |
|---|---|
| Melanie Bugeja | 122punt |
| Jurgen Dingli | 111punt |

1.5 Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu illi Ms. Bugeja tkun l-Ambaxxatriċi magħżula f'isem il-Gudja.

1.6 Il-Kunsill iddeċieda ukoll b'mod unanimu illi is-Sur Dingli ikun ir-runner up sabiex jekk għal xi raġuni jew oħra Ms. Bugeja ma tkunx sejra tkompli fil-kariga jinħatar s-Sur Dingli b'mod awtomatiku mingħajr ma ssir xi proċedura oħra.

1.7 Il-Kunsill qabel illi l-marki rispettivi jinżammu fir-records tal-Kunsill.

1.8 Fit-tmiem il-laqgħa, il-Kunsill filwaqt li stieden lil Ms. Bugeja sabiex hija flimkien mal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino (peress illi s-Sindku qal li ma setgħax jattendi peress li għandu impenji oħra) jattendu għal press conference ta' nhar is-Sibt 09 ta' Novembru 2013 fl-12.00p.m. fil-Pjazza ta' Teatru Rjal, ġewwa l-Belt Valletta.

1.9 Il-Kunsill talab lil Ms. Bugeja sabiex fl-aqsar żmien possibli tagħti lill-Kunsill il-formola tal-parents consent kif meħtieġ.

1.10 Il-Kunsill ħeġġeġ kemm lil Ms. Bugeja kif ukoll lis-Sur Dingli sabiex jaħdmu bis-sħiħ qalb iż-żgħażagħ speċjalment billi jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill Lokali Il-Gudja u f'oqsma oħra b'risq il-lokal tal-Gudja.

## 2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>

2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet msejħa l-laqgħa b'urġenza ġiet eżawrita, s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.10p.m. sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-